# Qorti tal-Magistrati (Malta)

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. (Matr.) Can.**

**Rikors Numru 101/16**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1401/15 fl-ismijiet:**

**Meli Bugeja Trading Limited (C24808)**

**vs**

**Cleaven Ray Mizzi**

**Illum 13 ta' Lulju 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Cleaven Ray Mizzi nhar it-13 ta' Mejju, 2016 fejn espona s-segwenti:

1. *"Illi s-socjeta' Meli Bugeja Trading Limited (C24808) intavolat il-Mandat ta' Sekwestru odjern kif ukoll kawza quddiem l-istess Qorti (Avviz Nru.:176/15CSH) ghall-allegat hlas dovut lilha mill-esponent fis-somma ta' €3,691.04.*

2. *Illi l-esponent qieghed jikkontesta li tali pretensjoni hija dovuta minnu u anke ntavola kontro-talba ghal spejjez dovuti lilu in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati mill-istess socjeta' fil-proprjeta' tieghu.*

3. *Illi fil-mori tal-kawza gew depozitati tlett (3) cedoli (Nru.: 1213/15 u Nru.: 205/16 u Nru. 70/16) - vide kopji annessi – in kawtela tal-ammont kollu pretiz da parti tas-socjeta' Meli Bugeja Trading Limited u cioe' €3,961.04.*

4. *Illi permezz tac-Cedoli hekk depozitati l-pretensjoni da parti tas-socjeta' kif mitluba fil-Mandat odjern huma ghal kollox kawtelati stante li l-ammont kif mitlub huwa oramai depozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti.*

5. *Illi permezz tac-Cedoli l-pretensjonijiet tal-istess socjeta' huma assigurati u fl-umli fehma tal-esponent tali Mandat Kawtelatorju ma huwiex iktar gustifikat li jibqa' fis-sehh.*

*Ghal dawn il-motivi l-esponent umilment talab lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka Contrario Imperio d-digriet taghha kif diversament ippreseduta datat 18 ta' Gunju 2015 fejn akkordat il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1401/05 u konsegwentement tawtorizza l-hrug tal-Kontro-Mandat relattiv u dan dejjem salv kull ordni u/jew provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun*."

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Mejju 2016 fajn ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-kontroparti u appuntatu ghas-smiegh ghall-15 ta' Gunju, 2016.

Rat ir-riposta tas-socjeta' Meli Bugeja Trading Limited ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Mejju 2016 fejn esponiet is-segwenti:-

a) *"Jirrizulta ampjament illi mic-cedoli esebiti mar-rikors promotur ma humiex kawtelati l-pretensjonijiet kollha tal-kumpanija esponenti u dan stante li huwa biss depositat s-sorte, izda ma hemm ebda depositu li jkopri l-ispejjez gudizzjajri, specjalment dawk tal-mandat ta' sekwestru li tieghu qed tintalab r-revoka.*

b) *Jirrizulta li d-depositi li saru permess tac-cedoli 1213/15 u 970/16 ma sarux sabiex jigu zbankati minn min ghandu dritt ghalihom skond il-ligi u ghalhekk fl-eventwalita' ta' ezitu favorevoli ghall-kumpanija esponenti dawn il-fondi ma jkunux disponibbli sabiex jigu zbankati. Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi kull depositu li jsir taht l-Awtorita' tal-Qrati ghandu hekk jsir billi jigi indikat l-ghan ta' tali depositu u fin-nuqqas c-cedola relattiva tkun monka. Fil-kaz odjern ma hemm xejn x'jindika li dawn il-fondi ghandhom ikunu liberament zbankati minn min ghandu dritt ghalihom skond il-ligi u ghalhekk tali cedoli huma monki u ma ghandhomx jitqiesu bhala validi ghat-talba tar-rikorrenti Mizzi.*

c) *Salv kull raguni ohra valida li ser titqajjem waqt it-trattazzjoni tat-talba odjerna."*

Semghet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors u dan fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016 fejn Dr. Maria Azzopardi ghar-rikorrrenti sostniet li gjaladarba r-rikorrenti ipprovda garanzija adegwata, fis-sens li ddeposita l-Qorti l-ammont mitlub fil-mandat kawtelatorju (u b'hekk il-pretensjoni tal-intimat giet kawtelata) li gie esegwit fil-konfront tieghu, il-mandat ta' sekwestru jista' jigi revokat. Dr. Reuben Farrugia min-naha l-ohra ma jaqbilx, fl-ewwel lok ghaliex jemmen li tnejn mit-tliet cedoli li gew prezentati l-Qorti huma monki ghaliex ma hemmx indikat li l-flejjes jistghu jigu zbankati liberament minn min ghandu jedd ghalihom, u in oltre ghalkemm ma jikkonstestax li l-ammont imsemmi fil-mandat ta' sekwestru numru 1401/15 gew depositati l-Qorti, ma hemmx depositat l-ispejjez li tista' talvolta tinkorri s-socjeta attrici sabiex tizbanka dawn l-istess flejjes u sabiex tkopri l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru li sar originarjament fil-konfront ta' l-istess rikorrenti odjern.

Ikkunsidrat.

Illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-Artikou 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża "**Camilleri vs Gove et**" – deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:

"*mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.*" (ara wkoll is-sentenza fil-kawza "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**" – deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003).

Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, parzjalment jew *in toto*.

Ikkunsidrat illi ghandu jigi enfasizzat illi, fi proceduri ta' din ix-xorta, kull ezami li ghandha taghmel din il-Qorti huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, bl-iskrutinju profond jibqa' strettament rizervat ghal dik il-Qorti li tigi adita biex titratta u tiddeciedi l-kawza fil-mertu.

Din il-Qorti tikkonferma inoltre illi f'dan l-istadju ma jistax leggerment jigi skartat id-dritt ta' kreditur li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi, sakemm dan isir ragonevolment. Finalment kull mandat kawtelatorju jintalab u jinhareg fuq ir-responsabbilità pjena tal-kreditur li jitolbu.

Ir-rikorrenti fil-proceduri odjerni qed jitlob ir-revoka tas-sekwestru *de quo* a tenur tal-Art. 836 (1) (c) li jipprovdi ghal tali revoka:

*"li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni."*

Il-Prim Awla tal Qorti Civili fil-proceduri **Magri vs Magri** (6 ta' Novembru 2014) ipprecizat fil-kuntest ta' garanzija alternattiva illi:

"d-dicitura tal-paragrafu (c) [tal-Artikolu 836 (1)] ma tistax titqies b'mod superficjali izda ghandha titqies b'mod akkurat ghaliex hija tal-fehma li bl-ghazla tal-aggettivi *xierqa u bizzejjed* li ghamel, il-legislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat."

Illi ghalhekk il-Qorti ezaminat il-mandat ta' sekwestru numru 1401/15 fl-ismijiet **Meli Bugeja Trading Limtied (C24808) vs Cleaven Ray Mizzi** (KI 234086M) u minn ezami tal-istess jirrizulta li s-socjeta' Meli Bugeja Trading Limited indikat is-somma ta' tlett elef sitt mija w wiehed u disghin Ewro u erba' centezmi (€3691.04) bhala sorte u irriservat l-ammont pretiz minnha fir-rigward l-ispejjez u imghax. Ghalhekk il-pretensjoni tas-socjeta' Meli Bugeja Trading Limited hija is-somma ta' tlett elef sitt mija w wiehed u disghin Ewro u erba' centezmi (€3691.04) biss f'dan l-istadju u hija din is-somma biss li qieghda tikkawtela bil-prezentata ta' dan l-istess mandat ta' sekwestru fuq indikat.

Illi mhux kontestat li r-rikorrent odjern ipprezenta tliet cedoli fil-Qorti, bin-numri 1213/15, 205/16 u 970/16 u dan fl-ammont totali ta' €3,793.92 u dan sabiex jaghmel tajjeb ghall-ammont imsemmi fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq indikat li huwa bazat fuq ir-rikors li hemm pendenti quddiem din il-Qorti fl-istess ismijiet, fejn is-socjeta' Meli Bugeja Trading Limited qed titlob is-somma ta' (€3,691.04). Jirrizulta li tnejn minn dawn ic-cedoli saru minn banek lokali u cioe' il-Bank of Valletta p.l.c. u HSBC Bank Malta p.l.c., waqt li t-tielet cedola saret direttament mir-rikorrenti stess. M'hemmx dubbju li dawn il-flejjes li jinsabu depositati fil-Qorti qeghdin hemm sabiex jaghmlu

tajjeb ghal kull pretensjoni li s-socjeta' intimata ghandha sa issa kif pretiz minnu fil-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi.

L-avukat difesur tas-socjeta intimata qed tikkontendi li minkejja li l-flejjes verament gew depositati l-Qorti permezz ta' cedoli apposite, dawn l-istess flejjes ma jistghux jigu zbankati liberament minnha stante il-kliem fuq l-istess cedoli.

L-Artikolu 944(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-kondizzjonijiet ghall-izbank, jipprovdi li bla hsara ta' fejn il-ligi tghid xort' ohra, il-flus hekk imqieghda ma jistghux jigu zbankati, kollha jew bicca minnhom, minghajr ma jigu mharsa l-kondizzjonijiet maghmulin fic-cedola ta' depozitu, hlief jekk l-izbank isir b'esekuzzjoni ta' sentenza li tkun <u>ghaddiet f'gudikat</u> jew wara kunsens espress tal-persuni interessati.

Ghalhekk una volta s-socjeta' intimata kellha tottjeni sentenza esekuttiva fejn tigi dikjarata kreditrici tar-rikorrent, hija tkun tista' tizbanka dawn l-istess flejjes ghaliex ikollha titolu esekuttiv.

Ghaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra li l-garanzija moghtija mir-rikorrent permezz tat-tliet cedoli ta' depositu fuq imsemmija huma garanzija <u>xierqa</u> sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' dak mitlub mis-socjeta' intimata bil-ħruġ tal-att kawtelatorju numru 1401/15 fl-ismijiet premessi.

Konsegwentement qieghda tilqa' it-talba rikorrenti u tordna l-hrug ta' kontro-mandat a spejjez ta' l-istess rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tas-socjeta' intimata.

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur